# IL-Huttafa

Il-Magażin ta' Klabb Ħuttaf

Numru 27 Lulju Awwissu 1998

BirdLife MALTA

Stampat fuq karta riċiklata






**Wara tmien snin!**

paġ6






Victor Falzon

## Farfett tax-Xewk



**Mragen** fuq sigra, fejn iħobbu jbejtu

# editorjal

## Ħuttaf



Ngħidu li miljuni ta' snin ilu, id-dinożawri ddominaw id-dinja. Ngħidu li llum huwa l-bniedem li jiddomina.

Imma fil-fatt, hemm annimali oħrajn li kellhom suċċess ħafna ikbar milli qatt kellhom d-dinożawri jew il-bnedmin. **Qed ngħid għall-insetti.** Tgħiduli kif jista' jkun, daqs kemm huma żgħar!

Ħeqq, veru li żgħar, imma d-daqs mhux kollox. Li veru jgħodd huwa kemm l-annimal kapaċi jegħleb xi periklu u jżomm ir-razza tiegħu ħajja.

Bil-kobor kollu tagħhom, id-dinożawri spiċċaw! Ħadd ma jaf biex! Imma ġara x'ġara, dak li ġara ma qeridx lill-insetti!

Mela ma nqerdux! Illum stmat li hawn bejn 15 u 30 miljun speċi ta' insetti - kuljum l-istudjużi jsibu speċi ġodda!

U jekk qatt tiġri xi diżgrazzja li teqred lill-ħajja minn wiċċ id-dinja, ix-xjenzati kollha jaqblu li xi insetti, b'xi mod jew ieħor, jibqgħu ħajjin u jkomplu jiddominaw id-dinja.

**Kif, wara kollox, ilhom jagħmlu għal dawn l-aħħar 300 miljun sena!**

**Victor Falzon**
**Editur**




## X'għandna did-darba?

| | |
|---|---|
| Editorjal | paġ 2 |
| Aħbarijiet Ta' Malta | paġ 3 |
| X'għandna mid-Dinja | paġ 4 |
| Nittrumbjaw fuq...l-Għasfur tal-Bejt | paġ 5 |
| Ittri | paġ 6 |
| Gallerija | paġ 7 |
| Kompetizzjoni 27 | paġ 8 |
| Oħloq Annimal | paġ 8 |
| PINĠIPINĠI | paġ 9 |
| Ħmerijiet li nisma' | paġ 9 |
| Skart | paġ 10 |
| Gruppi Lokali | paġ 11 |
| Daħħal Membru | paġ 11 |
| Cartoon | paġ 12 |
| Avviżi | paġ 12 |



Kelb il-Baħar

### Faċċata ta' Quddiem

## Farfett tax-Xewk

(*Cynthia cardui* - Painted Lady)

Farfett kbir, sabiħ u komuni. Dal-farfett ipassi, u ġieli jiġi Malta f'numri kbar. Biex tħajru jbid fil-ġnien tiegħek, iżra' l-ħubbejż u l-fidloqqom.

**Working Group ta' Klabb Ħuttaf**

Jason Aloisio, Audrey Chetcuti, Norman Chetcuti, Desirée Falzon, Victor Falzon, Chris Pulis, Sharon Sultana.

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt is-sittax. Norganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, lejliet kraft u anke nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorgu l-magażin Il-Ħuttafa kull xahrejn għall-membri, u nagħmlu ħendawts u logħob għal waqt l-attivitajiet.
Klabb Ħuttaf għandu wkoll (s'issa) 5 Gruppi Lokali fil-pajjiż.
Sħubija fil-Klabb hija Lm1.50 fis-sena.

**Publikazzjoni BirdLife Malta**
**POBox 498 Valletta CMR 01 Tel 230684/250229 Fax 225665**
Materjal mill-Ħuttafa jista' jiġi kkupjat dment li jissemma' isem il-magażin u tintbagħat kopja tal-materjal lil Klabb Ħuttaf fl-indirizz t'hawn fuq.
Stampat għand Poulton's Print Shop, Lulju 1998



# Ta' Ċenċ mhedded...
## minn stikka u ballun!




aħbarijiet



**Għaxar snin ilu kienet korsa taż-żwiemel li rvinat medda art daqsxiex f'Għawdex - proġett li jidher sew f'ritratti ta' Malta mill-ispazju! Issa se tkun korsa tal-golf?**

U allura minn tant postijiet, GĦALIEX iridu bilfors jagħżlu l-aktar postijiet importanti għan-natura biex jirvinaw b'xi proġett mostruż? Għaliex ma għażlux xi miżbla mimlija, xi erba' għelieqi mitluqin maġenb xi raħal, jew xi barriera abbandunata.

Ma tarax! Lejn Ta' Ċenċ marru ħarsu! Minn tant postijiet, jagħżlulek post ippakkjat natura, fejn ibejjet il-merill, il-bufula ħamra, id-durrajsa, iċ-ċiefa, fejn jikbru orkidi rari. Post li fih fdalijiet ta' tempji u dolmens. Post ta' ġmiel jimpressjonak, u skiet isaħħrek. Imġienen!

Nisperaw li din il-ħolma kerha... tibqa' biss fuq il-karti, u tibda trabbi t-trab fuq xi xkaffa.

# Ħuta ġdida?



Fl-ilmijiet baxxi ta' madwar ix-xtut Maltin jgħix ħafna ħut żgħir li jgħidulhom **mzazen** (gobies) u **budakkri** (blennies). Ħafna minnhom jgħixu f'inqas minn metru ilma, u jħobbu jinħbew fil-ħofor qalb il-blat u l-alka baxxa. Minn dawn f'Malta għandna numru sabiħ, uħud komuni, oħrajn rari. Dan l-aħħar seħibna Mark Falzon (li jiktbilna l-artikli *Nittrumbjaw Fuq...*) sab budakkra, twila xi 6ċm, li meta fittixha fil-field guides sab li jisimha *Blennius canevae* (bl-Ingliż **Yellow-cheeked Blenny**).

Meta mbagħad fittixha fil-kotba u rivisti Maltin... ma sabha mkien imsemmija! Possibli li lill-istudjużi Maltin qabżitilhom? Fil-Baħar Mediterran din il-ħuta mhix rari, u anke Mark stess ra iktar minn waħda fl-inħawi ta' Baħar iċ-Ċagħaq. Huwa qalilna li dil-ħuta spiss raha tistaħba fit-tubi weqfin li jibnu xi ħniex tal-baħar.

Jekk jirriżulta li dil-ħuta hija verament il-*Blennius canevae,* mela allura prosit Mark talli kont għajnejk daqshekk ta' seqer li lmaħtha u għaraftha. U grazzi talli għedt lill-*Huttafa* l-ewwel bis-sejba tiegħek!

Sadattant l-istudju u l-osservazzjoni għadhom għaddejjin - inżommukom infurmati jekk ikollna konferma ta' ħuta ġdida għal Malta!

**Kull sena f'Malta jinqatlu 5,500,000 tiġieġa għall-ikel. Hekk hu! Ħames miljun u nofs! Rata ta' għaxra... kull minuta!**






minn BBC Wildlife, Aug 98

# Qamar Ġdid!

Fid-9 ta' Novembru li ġej se jkollna qamar ġdid fis-sema! Imsomma, mhux eżatt. Li se jiġri huwa li se jtellgħu mera daqsxiex fl-ispazju biex tirrifletti d-dawl tax-xemx b'mod li **jixgħel wiċċ id-dinja anke bil-lejl!** Dan se jkun esperiment ta' lejl wieħed, li fih se jinxtegħlu skoss bliet. Jekk dan l-esperiment jirnexxi hemm ħsieb li fis-sena 2000 jtellgħu aktar mirja fl-ispazju, bil-ħsieb li jtaffu d-dlam tax-xtiewi fit-tramuntana. Jidher esperiment eċitanti... **IMMA!** Min jaf ħaġa bħal din kif se tħawwad lin-natura kollha! Per eżempju min jaf l-għasafar u l-annimali l-oħrajn kollha tal-passa kif se jitħawdu! Min jaf kif dawl bil-lejl se jfixkel is-sistema sensitiva ta' tant eluf ta' speċi, li joħorġu jieklu jew ibidu jew jinnamraw skond id-dawl tal-jum. **Għadna lanqas nafu kemm problemi se jinħolqu fl-ambjent naturali jekk ikomplu sejrin b'dawn l-esperimenti.**

# Annimal Ġdid?

Fil-Ibiċ tal-Greċja hemm laguna jisimha Pylos. Ix-xatt ta' madwarha fih ambjent interessanti ta' għaram tar-ramel (sand dunes). F'dal-post għadha kemm instabet tgħix **popolazzjoni ta' kamaleonti differenti mill-ispeċi li tgħix fil-bqija tal-Mediterran** (inkluż Malta). Dawn il-kamaleonti, però, jixbhu ħafna lill-ispeċi li tgħix qrib El-Qiskandarija (Alexandria) fl-Eġittu. Qed isiru studji biex jaraw jekk humiex l-istess speċi jew le. Jekk mhumiex, mela għandna annimal ġdid fil-Mediterran!



minn BBC Wildlife, July 98



minn BBC Wildlife, July 98

# Park Ġdid!

Fil-5 ta' Ġunju (Jum l-Ambjent) ta' dis-sena, il-President ta' l-Afrika t'Isfel iddikjara Cape Peninsula bħala park nazzjonali. Dal-park ġdid mhuwiex kbir, fih biss 30,000 ettaru (qisu daqs Malta u Għawdex). Imma fiċ-ċokon tiegħu **hemm jikbru eżattament 2285 speċi ta' pjanti**, u minn dawn hemm 105 li huma endemiċi, jiġifieri ma jikbru mkien iktar fid-dinja. Għalhekk, skond il-President Nelson Mandela, dan il-park huwa "rigal lid-dinja", u għandu raġun. L-ikbar problema ta' dal-park hija li hemm xi pjanti li daħħlu n-nies minn artijiet oħrajn, li qed jinfirxu u li jistgħu jeqirdu lill-pjanti tal-post. Imma ftit ftit dil-problema qed isolvuha. F'dan il-park ġdid hemm ukoll il-famuża Table Mountain.

# Tama Ġdida?

Fl-Indja u fiċ-Ċina joqtlu t-tigri mhux biss għall-ġilda, imma l-iktar għall-għadam tagħhom. Iċ-Ċiniżi jemmnu li mill-għadam tat-tigra tista' ssir mediċina li tagħti saħħa ġdida lill-anzjani rġiel. Issa l-Amerikani **vvintaw mediċina ġdida** li qiegħda tagħmel l-istess ħaġa. Tgħid hemm xi tama li bis-saħħa ta' dil-mediċina ġdida, il-ftit eluf ta' tigri li baqa' jitħallew bi kwiethom?



minn Focus, July 98


Desirée Falzon

# l-Għasfur tal-Bejt

**Malta hija żgħira u popolati ħafna. L-ambjent Malti kważi kollu meħud mill-bniedem. L-għelieqi, it-toroq u l-bini huma eżempju ta' kif in-nies joħolqu ambjenti ġodda fejn jgħixu. Ħafna u ħafna annimali u pjanti jbatu mmens meta jinqered l-ambjent naturali, u ġieli anke jispiċċaw għal kollox minn fejn ikun resaq il-bniedem. Imma hemm oħrajn li jadattaw għall-ambjent il-ġdid, u jsiru parti mill-bliet u l-irħula tagħna. L-Għasfur tal-Bejt hekk għamel, tant li sar l-iktar għasfur komuni f'Malta. Żgur li waqt li qed taqraw il-Ħuttafa, hemm xi tnejn ipespsu barra t-tieqa.**

| | |
|---|---|
| Malti | **Għasfur tal-Bejt** |
| | **Għammiel tal-Bejt** |
| Ingliż | **Spanish Sparrow** |
| Xjentifiku | ***Passer hispaniolensis*** |

Aqbdu tromba u ħarsu ħarsa sew lejn Għasfur tal-Bejt. Verament għasfur sabiħ, speċjalment fis-sajf. Ir-raġel huwa kannella fuq id-dahar, b'ħafna iswed fuq is-sider u mal-ġnub. Minn taħt ikun abjad maħmuġ, rasu kannella ħamranija, u l-munqar iswed tuta. Il-mara hija aktar ċara, u tkun kannella mitfi, b'daqqiet skuri minn fuq u abjad maħmuġ minn taħt. Il-frieħ, li fis-sajf huma komuni, jixbhu ħafna lill-mara. Meta tkun berdwoċing, l-Għasfur tal-Bejt diffiċli titfixklu ma' xi speċi oħra.

Wajers, ventilaturi, arbli tad-dawl, siġar fil-pjazza - ambjent perfett... għall-Għasfur tal-Bejt, s'intendi. Jibni bejta tista' tgħid kullimkien, kull fejn isib ftit kenn mir-riħ u minn xi qattus bil-ġuħ. Fil-bidu ta' l-istaġun tal-bejta (Frar u Marzu) spiss tara xi żewġt irġiel Tal-Bejt jiġġieldu għall-aħjar post, ġeneralment xi ventilatur.

Kultant xi frieħ jaqgħu mill-bejta - naħseb li kulħadd ġieli sab xi għasfur żgħir ma' l-art, ipespes u ma jtirx. Meta jiġri hekk, tiħduhx id-dar! Għalkemm mhux impossibli, huwa diffiċli ħafna li jgħix bl-ikel li nagħtuh aħna. Jekk tkunu tafu fiċ-ċert minn fejn waqa' erġgħu ippruvaw poġġuh fil-bejta. Jekk il-bejta ma tintlaħaqx, jew ma tafux liem'hi, poġġuh x'imkien qrib, fejn ma jintlaħaqx mill-qtates. U ħalluh - spiss tiġi għalih ommu.

Illum huwa komuni ħafna, imma kien hemm żmien meta l-Għasfur tal-Bejt kien beda jsir rari. Giuseppe Despott, naturalista kbir Malti, kiteb fl-1917 li l-kaċċaturi u n-nassaba kienu se jeqirdu 'l dan l-għasfur minn fostna. Dan ma ġarax - mhux għax naqsu l-kaċċaturi (kieku tajjeb!) imma għax illum ftit hawn li jaqbdu l-Għasafar tal-Bejt apposta għall-ikel. Barra minn hekk, żdied ħafna l-bini, u b'hekk kiber l-ambjent ta' dan l-għasfur.


L-Għasfur tal-Bejt mhux biex jixrob biss jużah l-ilma!

**Tridu tifthu riserva naturali żgħira? Faċli - għamlu ftit ilma frisk fil-ġnien, bitħa, gallarija jew bejt. Wara ftit ġranet jibdew ġejjin il-klijenti - l-Għasafar tal-Bejt! Tista' tiġi wkoll xi Bufula Sewda, imma jekk le, xorta għandkom wieħed mill-isbaħ għasafar jippoża taħt it-tieqa!**

*Mark Falzon*

# Ittri

## Rajt baħrija...

Sur Editur,

Riċentement mort Pembroke biex nieħu r-ritratti ta' l-orkidej. Waqt li konna qegħdin nimxu lmaħt baħrija li taret meta konna viċin u jien għall-ewwel ħsibtha farfett abjad. Wara ndunajt li kienet baħrija. Jien qbadtha biex inkun naf xi speċi hi. Il-baħrija hija ta' kulur abjad bit-tikek żgħar ħomor u suwed u kbira pulzier. Jiena fil-ktieb Flora u Fawna ta' Malta ma sibthiex. Qed nikteb din l-ittra biex forsi tkunu tistgħu tgħinuni.

Matthew Borg Cardona
Swieqi



Baħrija ta' l-Għobbejra

Għażiż Matthew,

Prosit! Għandek tkun taf li **rajt annimal rari ħafna!** Mhemmx dubju li l-baħrija misterjuża li sibt kienet **Baħrija ta' l-Għobbejra** (bl-Ingliż Crimson Speckled Moth, *Utetheisa pulchella*). Dil-baħrija tpassi, u xi drabi biedet Malta wkoll. Imma mhux kull sena tidher. Fil-fatt l-aħħar rekord tagħha huwa fl-1990, u ntlemħet fl-inħawi tas-Siġġiewi.

Tant hija rari li dil-baħrija tniżżlet fir-Red Data Book, ktieb li fih jiġbor l-ispeċi ta' flora u fawna Maltija li huma fil-periklu li jinqerdu. U ngħir għalik, għax jiena stess qatt ma rajtha, ħlief f'xi kollezzjoni!

U la l-kliem ġie fuq il-kollezzjoni... Matthew, inti ktibtli li l-baħrija qbadtha! Nispera li ħarrabtha malli ħadtilha d-dettalji. Taqbadx il-misħut vizzju li tfaddal il-friefet u l-baħrijiet. L-annimali mhumiex bolli!

L-Editur

## X'sar mill-Falko?

Sur Editur,

Jiena Mark Amato, tifel ta' 14-il sena li nħobb l-għasafar daqs dawl għajnejja.

Illum qed nikteb biex nistaqsik x'ġara mill-Klabb Falko; jekk għadux jeżisti jew le, peress li għalaqt l-14-il sena u għadni fi Klabb Ħuttaf.

Nixtieq nissuġġerixxi wkoll li f'waħda mill-ħarġiet tal-Ħuttafa li jmiss, jitniżżlu l-liġijiet preżenti tal-kaċċa,ħalli jekk xi darba ninzertaw lil xi kaċċatur jikser il-liġi, malajr inkunu nistgħu nirrappurtawh. Nixtieq ħafna li dawn jiġu mniżżla fil-magażin li jmiss.

Din l-ittra m'hemmx għalfejn tidher fil-magażin. Nieħu wkoll l-okkażżjoni biex nirringrazzjak ta' dik l-informazzjoni li tajtni u r-rirtratt li kont bgħattli għall-proġett li kelli fis-sajf.

Grazzi ħafna bil-quddiem u komplu sejrin bix-xogħol siewi li qed tagħmlu.

Mark Amato
Żurrieq

Għażiż Mark,

Jekk taqra l-kaxxa żgħira f'p2 tal-Ħuttafa, tinduna li Klabb Ħuttaf qiegħed għall-membri tal-BirdLife li għadhom m'għalqux is-sittax. Jiġifieri inti għadek magħna!




Veru li sa ftit żmien ilu, l-età tal-Klabb kienet tieqaf ma' l-erbatax. Li ġara huwa li l-Falko ma tantx kienu qed jattendu wisq membri għall-attivitajiet, u l-working group tagħhom kien moħli jorganizza u joħroġ newsletters għalxejn. Għalhekk iddeċidejna li għalissa l-attivitajiet taż-żgħażagħ inħabbruhom fil-Ħuttafa (per eżempju l-Kamp ta' Settembru - ara l-fuljett f'dil-ħarġa).

Dwar il-liġijiet, serraħ moħħok, ħadt nota - **ma ddumx ma tara dak li trid!**

Mark, bilħaqq, inti qiegħed fil-Birdwatchers Club? Jekk le, x'qed tistenna? Berdwoċer Malti ma jistax isejjaħ lilu nnifsu hekk jekk ma jkunx f'dal-klabb!

L-Editur

## Indirizzaw l-ittri tagħkom hekk!

**Birdlife Malta**
**(Klabb Ħuttaf)**
**POBox 498**
**Valletta CMR 01**




## Tridu taraw spettaklu b'xejn?

Kull sena għal nofs Awwissu d-dinja tgħaddi minn post fl-ispazju li fih ħafna ġebel żgħir. Dal-ġebel jinġibed lejn id-dinja u jersaq b'ħeffa kbira. Imma huwa u nieżel jinħaraq fix-xejn, u jarmi d-dawl għal ftit ħin. Dawn huma meteoriti, li ħafna minna nafuhom bħala *shooting stars*. L-aħjar lejl biex tara skoss huwa t-12 ta' **Awwissu**. Tinsewx.



# Gallerija

Paul Duff (13)



**Kiwi**

Darren Mercieca (13)



**Barbaġann**

Elaine Farrugia (12)



**Badger Amerikan**

John Vella (9)



**Ajkla**

Clayton Mercieca (10)



**Denb il-Ħaruf**

Sarah Camilleri (8)



**Emperor Penguin**

Maria Elena Attard (11)



**Wiżża Griża**

Tpinġix ikbar minn 10x10ċm, uża karta (mhux kartonċina) bajda u tpinġix bil-kulur. Ikteb isem l-annimali jew pjanta u ismek u l-età. Jekk timxi mar-regoli, it-tpinġija tiegħek għad tidher fil-magażin.

# KOMPETIZZJONI 27




## X'tajr hu?

Aqta' x'inhuma l-erba' għasafar moħbijin f'dawn il-kelmiet. Ibagħtu t-tweġibiet fuq karta, flimkien ma' isimkom u l-indirizz lil
**BirdLife Malta**
**Klabb Ħuttaf**
**(Kompetizzjoni 27)**
**POBox498**
**Valletta CMR 01**
Ċans sal-31 ta' Awwissu 1998
Min jirbaħ jingħata **CD** ġentilment mogħti mill-ħanut **The Scorpion**.

THE SCORPION

*Martial Arts, Keep-fit, Sports and Music*

The Scorpion, Sir Paul Boffa Ave.,Paola PLA19
Tel 691957 • Fax 686943 • Mobile 0972284

Ir-rebbieħa tal-Kompetizzjoni 26 hija **Alison Gauci** minn **Ħal Kirkop**. Alison tista' tmur tiġbor is-CD minn The Scorpion. Importanti li tieħu magħha l-membership card.

**L-aħħar żewġ mostri immaġinarji tas-sensiela OĦLOQ ANNIMAL. Nifirħu lill-ħallieqa tagħhom, li ddubbaw poster tal-Merill.**

## ohloq annimal




**Isem:** RENTU

**Fejn jgħix:** Fit-televixin
**X'jiekol:** Trab u ħmieġ li jsib
**Aktar tagħrif:** Dan jiġġerra mat-televixin u għandu xewk fuq ix-xewka ta' denbu, li bihom itaqqab il-wajers tat-televixin. Rentu huwa ta' ħsara għat-televixin.
**Ħolqien ta':** Steven Galea




**Isem:** TIKI

**Fejn jgħix:** Fil-baħar
**X'jiekol:** ir-ramel
**Aktar tagħrif:** Qisu dinożawru, u jorqod b'ġismu taħt ir-ramel u rasu barra biex ma jifgax. Jużax-xewk biex ikeċċi annimali oħrajn.
**Ħolqien ta':** Anita Muscat

Pinġipinġi



1 oranġjo ċar
2 oranġjo skur
3 kannella ċar
4 kannella skur
5 blu
6 ħalli abjad
7 aħdar ċar
8 aħdar skur
9 isfar

# Farfett tax-Xewk

meħuda minn Ħbieb Tagħna: Qalb in-Natura

# Ħmerijiet li nisma'...

*Desirée Falzon*

**Mela dan l-aħħar mort Għar Ħasan (ħdejn Birżebbuġa) u rajt familja bilqiegħda jistrieħu jisimgħu l-ħoss tal-baħar viċin. F'daqqa waħda t-tifla werżqet għax rat farfett il-lejl ħiereġ itir mill-għar. Kif rah missierha għajjat, "Ejja tlaqna minn hawn għax hawn il-friefet il-lejl fl-għar." Ommha żiedet,"Iġri lsa ma jmurx xi wieħed jitħabbel f'xagħri, jew jattakkana." U telqu b'kemm kellhom!**

Xi ħmerijiet jaħasra. Il-farfett il-lejl veru li għandu għajnejh żgħar ħafna, imma kapaċi jara fejn hu sejjer ħafna iktar minnies. Kif?



Għax mhux għajnejh juża! Meta jtir, dan l-annimal jitfa' tisfira rqiqa li taħbat ma' l-affarijiet ta' madwaru u terġa' lura f'widnejh. Skond kemm dal-ħoss idum ġej lura, il-farfett ikun jaf il-bogħod bejnu u dawn l-oġġetti. Bl-Ingliż dal-metodu jissejjaħ *echolocation.*. Bl-ebda mod farfett il-lejl mhu se jitħabbel f'xagħar xi ħadd.

Tant hu tajjeb is-sens ta' smigħ tiegħu, illi l-farfett il-lejl kapaċi jaqbad l-insetti fl-ajru, billi jismagħhom. Fil-fatt matul il-lejl il-friefet il-lejl ikunu qed iħufu u jaqbdu n-nemus u insetti oħrajn itiru. U mhux, kif jaħsbu ħafna nies, jixorbu d-demm!

Dal-ħmerijiet inħalluhom għal xi film ta' Drakula!



**Nota mill-Editur**

Friefet il-lejl li jixorbu d-demm jeżistu, u veru jgħidulhom vampiri. Imma jgħixu biss l-Amerka t'Isfel, jiġifieri 'l bogħod sew minn Malta! F'Malta jeżistu annimali li jtiru bil-lejl u jidħlulna ġewwa, jattakkawna u jixorbulna demmna. Hekk hu, in-nemus!!!

# Għali Ambjentali

## Problemi li jħassru l-ambjent




**L-iskart huwa problema ta' kulħadd. Aħna lkoll nipproduċu skart fi kważi kull ħaġa li nagħmlu, imma ftit nagħtu każ x'isir minnu.**




L-iskart ma jiġix biss mid-djar tagħna, imma anke mill-biedja u mill-industrija (fabbriki eċċ). F'Malta, sors prinċipali ta' skart huwa mill-barrieri. **Dawn jipproduċu 81% ta' l-iskart kollu ta' Malta.**

L-iskart jitqiegħed f'landfills, jiġifieri biċċa art li fuqha jitbattlu t-trakkijiet ta' l-iskart. L-ikbar waħda f'Malta hija fil-Magħtab, u f'Għawdex hija l-Qortin tax-Xagħra. Dawn ġeneralment ikunu f'postijiet imwarrbin minħabba **problemi ta' ntejjen u periklu għas-saħħa**, fost oħrajn. Huwa importanti ħafna wkoll li l-landfills ma jkunux qrib xi sors ta' ilma li jintuża għax-xorb, għax inkella l-ilma jitniġġes.



Il-problema bil-landfills hija li wara ftit snin jimtlew, u diffiċli ħafna ssib postijiet ġodda fejn tagħmel landfills oħrajn. **Irridu niftakru Malta kemm hija żgħira.**

Soluzzjoni waħda għall-problema ta' l-iskart hija **r-riċiklaġġ**. Riċiklaġġ jista' jfisser li **nużaw prodotti iktar minn darba**, bħal meta nerġgħu nużaw fliexken tax-xorb. Riċiklaġġ ifisser ukoll li **tagħmel prodotti ġodda** mill-iskart li nipproduċu. F'xi pajjiżi t-tajers qodma jqattgħuhom biċċiet żgħar ħafna u jħalltuhom mat-tarmak fil-kisi tat-toroq.




Ir-riċiklaġġ għandu ħafna vantaġġi fuq ir-rimi ta' l-iskart fil-landfills. Bir-riċiklaġġ, **nużaw inqas riżorsi, naħlu inqas art u nnaqqsu t-tniġġis**. Niffrankaw ukoll l-enerġija: per eżempju, meta nerġgħu nużaw il-fliexken niffrankaw 50-60% ta' l-enerġija li trid biex tagħmel fliexken ġodda.

*Elisabeth Conrad*

**Soluzzjoni aħjar mir-riċiklaġġ hija li noħolqu *inqas* skart. Dan nistgħu nagħmluh b'ħafna modi.**

- **Meta mmorru nixtru**, nistgħu nieħdu basket magħna, minflok nitolbu basket jew borża tal-plastik mill-ħanut.
- **Meta nixtru affarijiet tal-plastik**, nistgħu nixtru tipi ta' plastik li huwa bijodegradabbli, li biż-żmien jitmermer fix-xejn.
- **Affarijiet bħal fliexken**, foil, karti, kaxxi, važetti eċċ nistgħu nużawhom iktar minn darba.
- **Nagħmlu użu minn skemi** bħal dawk tal-Body Shop, fejn tista' terġa' tieħu fliexken vojta tax-xampu lura għand tal-ħanut biex jerġgħu jimlewhomlok.




Xummiemu jurina kif nifirdu l-iskart tad-dar, skond il-materjal. Issa jonqos... li din is-sistema tiddaħħal Malta bis-serjetà!

# GRUPPI LOKALI

**Ħamrun/Marsa**
Leaders: Caldon Mercieca (K), Marija Calleja
**Ħ'Attard**
Leaders: Grace Camilleri, Etienne Grech, Thelma Saliba, Agnes Scicluna (K), Silvio Scicluna (K).
**Naxxar/Għargħur**
Leaders: Anita Aloisio, Jason Aloisio (K), Fleur Casha, Valerie Gauci, Justin Vassallo.
**Rabat/Ħad-Dingli**
Leaders: Audrey Chetcuti (K), Norman Chetcuti (K), Alice Micallef, Angèle Pulis, Chris Pulis, Mark Sultana, Sharon Sultana, Ingrid Vassallo
**Ħaż-Żebbuġ/Siġġiewi**
Leaders: Marthese Attard (K), Ian Balzan, Charles Coleiro, Doreen Coleiro.

(K=Ko-ordinatur)

# membru + membru

Dawn huma l-membri Ħuttaf li daħħlu membri oħrajn fi Klabb Ħuttaf fix-xhur ta' Mejju u Ġunju.

**Nicolai Aquilina**
**Fabian Bajada**
**Marjoe Callus**
**Marc A Camilleri**
**David Cilia**
**Chantelle Grima**
**Raisa Mangion**
**Abigail Pullicino**
**Anthony Scerri**
**Joseph Vella**






# Daħħal MEMBRU fi Klabb Ħuttaf





## u LILEK nibagħtulek...

- **3 PITAZZI ta' BirdLife Malta** u
- **STIKER** (bil-kulur) **ta' għasfur**

**Ħajjar** ħabib jew ħabiba jidħlu fi Klabb Ħuttaf, **tihom** jimlew kopja ta' dil-formola, **imla** isfel id-dettalji tiegħek stess, u **ibgħathomlna**, flimkien mal-Lm1.50ċ tal-membru l-ġdid. Il-pitazzi u l-istiker jaslulek bil-posta f'temp ta' ftit ġranet. **Żgur żgur!**

### DETTALJI tal-MEMBRU ĠDID

Isem u Kunjom ______________________

Indirizz ______________________

______________________

Postcode ______________________

Data tat-Twelid ______________________

Telefon ______________________





### DETTALJI TIEGĦEK STESS

Isem u Kunjom ______________________

Indirizz ______________________

______________________

Postcode ______________________

Telefon ______________________

**TQATTAX IL-MAGAŻIN - HU FOTOKOPJA**

Ibgħat kollox lil **BirdLife Malta (Klabb Ħuttaf) POBox498 Valletta CMR 01.**
Tibgħatx flus bil-posta - l-aħjar ċekk (pagabbli BirdLife Malta), Postal Order jew 25 bolla tas-6ċ




meħuda minn **L'Homme et l'Oiseau**, Marzu 1998

**ALIVE**

**Grazzi lil dawk il-membri li s'issa ħadu sehem fil-kampanja ALIVE għar-riserva naturali tas-Simar. Inħajru aktar membri jidħlulha. T-shirts fadal, tibżgħux!**



Żur il-websajt ta' BirdLife Malta u ta' Klabb Ħuttaf fuq l-**Internet**...



http://www.waldonet.net.mt/BirdLife/

**Id-dati kif imħabbrin fil-fuljett* dwar il-Kamp Internazzjonali inbidlu.**
**Id-dati l-ġodda huma mit-18 sa l-24 ta' Settembru 1998.**

* Dal-fuljett dwar il-Kamp qed jintbagħat biss lill-membri tal-Klabb li għalqu t-tlettax-il sena.